**FIL-QORTI TAL-MGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D**

**Kumpilazzjoni 332/2021**

**IL-PULIZIJA**
**[Spettur Kevin Pulis]**

**-Vs-**

**JOSEF SEYCHELL**

**Illum 14 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' JOSEF SEYCHELL ta' 27 sena akkuzat talli nhar it-13 ta' Mejju 2021 għall-ħabta tal-17:00hrs u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa dawn il-gzejjer:-**

1. Ikkommeta serq ta' mobile phone u/jew affarijiet oħra, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liema valur huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma huwiex aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu tat-*Lourdes Bianchi* u/jew persuni jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew

akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi huwa akkużat talli b'hekk sar reċediv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fit-13 ta' Lulju 2021 biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra u jikkonferma l-akkuzi bil-gurament fl-14 ta' Lulju 2021 u semghet lill-imputat waqt l-interrogatorju, iwiegeb li huwa hati;

Rat illi din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara illi (i) il-Qorti fissritlu x-xorta tal-akkuzi migjuba kontrih kif ukoll il-piena erogabbli; (ii) tat lill-imputat hin biex jirrikonsidra d-dikjarazzjoni tal-htija tieghu u biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu; (iii) l-imputat iddikjara li huwa nghata bizzejjed hin biex jikkontempla d-dikjarazzjoni ta' htija tieghu; u (ii) il-Qorti fehmitu, u tinsab konvinta li l-imputat fehem, l-imputazzjoni li jinsab mixli biha u l-piena erogabbli.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza dwar il-piena;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 illi r-res furtiva jikkonsisti f'telefon cellulari appartenenti lil Lourdes Bianchi, liema telefon ghandu valur ta' cirka sitt mitt Euro ;

Semghet liz-zewg partijiet jaqblu li r-res furtiva giet ritornata dakinhar stess tar-reat lid-derubata ;

Semghet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza ta' ricettazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwek akkuza dwar serq aggravat ;

Semghet liz-zewg partijiet jaqblu li in vista tal-problema akuta tad-droga li ghandu l-imputat, liema vizzju wasslu biex jikkometti r-reati li mixli bihom, ikun xieraq li huwa jitqieghed taht Ordni ta' Probation in linea ta' piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li saret fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u wara li qieset li hija sodisfatta li l-imputat fehem l-import tal-imputazzjonijiet u l-piena erogabbli, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet gew debitament ippruvati u illi b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess akkuzi.

Illi ghall-fini tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li ammetta li huwa recidiv kif del resto jirrizulta minn ezami tal-fedina penali tieghu, kif ukoll il-fatt illi evidentement, jinsab mahkum mill-vizzju tad-droga u li kien proprju dan il-vizzju li wasslitu biex jikkommetti s-serqa. Qieset ukoll il-fatt illi r-res furtiva giet ritornata minnufih lid-derubata.

Il-Qorti tifhem li l-imputat jehtieg – u huwa ddikjara wkoll li jixtieq li jinghata - ghajnuna biex ikollu xi forma ta' kontroll f'hajtu biex jeghleb il-vizzju tad-droga u biex b'hekk izomm 'il boghod mid-delinkwenza li kif rajna, ixprunat minn dan il-vizzju.  Tifhem ukoll illi din l-ghajnuna ghandha tinghata lill-imputat tempestivament sabiex, konsiderando li ghadu relattivament zghir fl-eta`, jirriforma ruhu u jipprova jibni hajja produttiva u ta' ghaqal qabel ikun tard wisq.  Fic-cirkostanzi, il-Qorti taqbel li l-imputat ma ghandux jigi mtellef mill-opportunita` ta' darba li jibbenefika minn gwida strutturata li tkun bla dubju ferm utili biex izzommu 'l boghod mill-kriminalita`.  Fil-kwadru ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-iktar sanzjoni xierqa li tista' timponi fic-cirkostanzi m'hijiex piena karcerarja, izda hija sanzjoni fil-komunita`.

Minn dan kollu il-Qorti hi sodisfatta li fic-cirkostanzi tal-kaz, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-imputat, is-sorveljanza tieghu minn uffiċjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-istess imputat u biex jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel il-ħati jew li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra. Ghalhekk tqis li jkun adatt li l-hati ghandu jitpogga taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghaz-zmien kollu li taghti l-ligi u l-imputat esprima r-rieda tieghu li jitqieghed taht probation.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni ghaliex din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, wara rat l-Artikoli 49, 50, 261(c)(g), 267, 271, 279(a), 280(1) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qieghda ssib lil JOSEF SEYCHELL hati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation moghtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u rat ukoll illi l-ħati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma ruhu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' *Probation*.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation mahrug fil-konfront tal-hati, jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.**

*Illum, 14 ta' Lulju 2021* *Magistrat Dr. Rachel Montebello B.A., LL.D*

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT**